MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2014

Numru. 689/2011

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**GODWIN BUHAGIAR**

**IL-QORTI**;

Rat illi l-imputat Godwin Buhagiar ta' 67 sena, bin Saviour Buhagiar u Carmela Buhagiar xebba Abela, imwieled Valletta nhar il-15 ta' Mejju 1944, residenti Bini tal-Gvern Blk 1 Flt.7, Triq il-Mithna, Haz-Zebbug, detentur tal-karta tal-identita` numru 488444M, gie akkuzat talli nhar l-14 ta' Novembru 2010, ghall-habta tas-13:30hrs, gewwa Bini tal-Gvern Blk. nr. 1 fi Triq il-Mithna Zebbug, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Lawrence Catania f'periklu car, ikkagunajtlu offiza ta' natura gravi hekk kif iccertifika Dr. P. Bonanno med. reg. No. 3016 mill-isptar Mater Dei.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Art.383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta ta' Lawrence Catania.

Rat ir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali tat-12 ta` Dicembru 2011 li jinsab *a folio* 35 ta` l-atti;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda;

Rat li, fl-udjenza ta' llum stess 15 ta' Ottubru 2014, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, f'liema ammissjoni huwa ippersista anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset il-verbal tas-seduta ta` llum stess 15 ta` Ottubru 2014 fejn *inter alia* jirrizulta li Lawrence Catania irrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli, u hafer lill-imputat;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet ;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu

giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. l-ammissjoni ta` l-imputat;
b. il-fedina penali nettissima ta` l-imputat;
c. id-depozizzjoni tat-Tabiba Paula Bonanno li tikkwalifika sew il-kontenut tac-certifikat mediku taghha mahrug fid-19 ta` Novembru 2010 li jinsab *a folio* 12 ta` l-atti;
d. dak ivverbalizzat konguntivament mill-prosekuzzjoni u d-difiza fl-udjenza ta` llum stess 15 ta` Ottubru 2014 fejn indikaw is-sanzjoni kkontemplata taht l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta;
e. l-eta` tal-hati u l-mahfra da parti ta` Lawrence Catania.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b’rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Godwin Buhagiar, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 31, 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil Godwin Buhagiar hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Godwin Buhagiar fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------